# Mro Vincenzo Ciappara

## 125 sena mit-twelid tiegħu

Vincenzo Ciappara twieled il-Belt Valletta fis-6 ta' Novembru 1890 minn Carmelo u Paola née Psaila. Ta' għaxar snin Vincenzo kien student il-Liċew, iżda wara li missieru rebaħ vjolin hu tħajjar jitgħallem il-mużika. Meta kellu erbatax-il sena beda jdoqq il-vjolin fil-knejjes u daħal fil-kappella ta' Mro Anton Nani. Bejn l-1907 u l-1939 kien idoqq mal-Orkestra tat-Teatru Rjal. Vincenzo baqa' jistudja l-mużika, l-ewwel waħdu u mbagħad fl-Istitut ta' Pawlinu Vassallo. Aktar tard tgħallem l-armonija u l-orkestrazzjoni taħt Mro Carlo Diacono u l-istrumentazzjoni tal-banda taħt Mro Aurelio Doncich.



*Mro Vincenzo Ciappara*
*6-11-1890 – 29-07-1979*

Fuq parir ta' Mro Carlo Diacono, Vincenzo Ciappara beda jidderieġi l-orkestri. Idderieġa fit-Teatru Rjal u f'teatri oħra, f'diversi knejjes fosthom fil-Kolleġġjata tar-Rabat u bl-approvazzjoni tal-Arċisqof, għal tliet snin huwa għamilha ta' sostitut *Maestro di Cappella* tal-Katidral.

Nhar it-3 ta' Mejju 1928 fi programm mużikali fil-ġonna tal-Palazz ta' San Anton, Vincenzo Ciappara dderieġa għall-ewwel




*Partitura bil-mużika tal-Innu Marċ 'Lil Marija Assunta' li Mro Vincenzo Ciappara ikkompona għall-Parroċċa ta' Ħad-Dingli*

darba lill-Banda Konti Ruġġieru li tagħha baqa' Surmast Direttur sal-1978. Matul dawn il-ħamsin sena l-Banda Konti Ruġġieru għamlet suċċessi kbar.

Is-Surmast Ciappara iżda ma kellux id-don tad-direzzjoni biss. Hu kompożitur ta' għadd kbir ta' marċi brijużi. F'dan il-qasam kellu suċċessi kbar. Il-marċi tiegħu 'Lilibet', 'Victory' u 'Coronation March 1953' li huwa kiteb għall-Banda Konti Ruggieru kienu ġew klassifikati l-ewwel f'konkorsi mnedija mill-BBC. Ikkompona wkoll bosta innijiet fosthom Innu Popolari lil San Pawl (1946), Innu lil Kristu Rxoxt (1974) u Innu Marċ lill-Konti Ruggieru (1976). Insibu għadd ġmielu ta' marċi funebri tiegħu u kkompona ukoll: 'Livia' fantasija oriġinali, 'Amore e Musica', 'Vicino al Mare', 'Sorrisi', 'Bianca e Rossa', 'Malta' u 'Anima e Pace', ikoll marċi sinfoniċi; l-intermezz 'Un Mazzo di Fiori'; u l-preludju in Re 'Empire Unity' li ġie esegwit ukoll fil-*British Institute*. Kiteb ukoll xogħlijiet sagri bħal Quddies, Tantum Ergo, antifoni, kif ukoll l-Innu tat-Tridu ta' San Pawl.

Fl-1974 Vincenzo Ciappara talab lill-Kumitat tal-Banda Konti Ruġġieru biex jintgħażel is-suċċessur tiegħu. Għalkemm Ciappara kien irtira mid-direzzjoni hu baqa' attiv bil-kitba ġdida u arranġamenti ta' mużika.

Vincenzo Ciappara miet nhar il-Ħadd 29 ta' Lulju 1979, fl-età ta' 89 sena. Fil-funeral tiegħu li sar ir-Rabat kienet akkumpanjat il-Banda Konti Ruġġieru u kienu bosta l-baned preżenti biex jagħtuh l-aħħar tislima.

Vincenzo Ciappara kien ukoll Surmast Direttur tal-Baned Annunzjata (Ħal Tarxien), De Rohan (Ħaż-Żebbuġ), La Vittoria (il-Mellieħa), Prince of Wales (Vittoriosa) u King's Own (Valletta). Ġie mitlub ukoll biex jidderieġi l-Baned La Stella u Leone (Għawdex) kif ukoll kunċerti u operetti tal-'Bank Sports Association' u l-'ballets' mill-aljevi tal-Prinċipessa Poutiantine Tabone.